# ĠRAJJA STORIKA GĦAS-SOĊJETÀ MUSEUMINA

Is-sena 1932 hi għażiża tassew għas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Nhar it-Tlieta, 12 ta' April ta' dik is-sena, l-Arċisqof Dom Mawru Caruana iffirma digriet li bih għaraf lis-Soċjetà kanonikament. *"Nilqgħu t-talba magħmula u bl-awtorità ordinarja tagħna, inwaqqfu s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, li napprovaw taħt l-istatuti tagħha, mehmuża mat-talba, waqt li nirriservaw għalina nfusna u għal dawk li jidħlu minflokna, is-setgħa li niddekretaw dak kollu, li fil-Mulej, jidhrilna jkun xieraq,"* kien jgħid id-digriet.[1]

Wieħed jista' jimmaġina l-ferħ tal-membri ta' dak iż-żmien għal dan id-digriet. Kien ilhom jitħabtu biex is-Soċjetà tkun magħrufa uffiċjalment, u kellhom ħjiel li l-Arċisqof ma kienx għadu daqstant preġudikat kontra s-Soċjetà daqskemm kien jidher li kien xi snin qabel. Qalbhom kienet għadha ttaqtaq minħabba kliem li Mons. Caruana darba kien qal f'saħna f'taħdita privata, lil nepputieh, Karlu Ghio, li kien ukoll Soċju: *"Kemm indum isqof jien, din il-Għaqda ma napprovaha qatt."*[2] Dun Ġorġ kien igħid li l-Isqof Caruana kien hekk kontra s-Soċjetà minħabba li kien mgħowwi minn xi wħud.[3]

**X'kien li wassal għall-approvazzjoni**

Il-ħtieġa urġenti li s-Soċjetà tingħata għarfien uffiċjali nħasset għall-ħabta tal-bidu tas-snin '30, meta s-Soċjetà bdiet taħseb li jkollha lokal addattat fejn tagħmel il-Laqgħat ġenerali u jkollha s-Sede tagħha. Dak iż-żmien il-Laqgħat ġenerali kienu jsiru f'dar kbira, imlaqqma: 'Il-palazz', fi Triq Atoċja, il-Hamrun. Imma din id-dar ma kenitx tas-Soċjetà u setgħet titteħdilha, kif fil-fatt ġara iktar 'il quddiem. Għalhekk kien meħtieġ li s-Soċjetà jkollha lokal li jkun tagħha.

Imma jidher[4] li s-Soċjetà ma setgħetx tikseb proprjetà jekk ma jkollhiex xi sura ta' għarfien uffiċjali mill-Knisja. Saret riċerka fil-Kurja, iżda d-digriet tal-approvazzjoni li kien maħsub li kienet ingħata mill-mejjet Isqof Pietru Pace, ma nstab imkien. Għalhekk is-Soċjetà irrikorriet għand Mons. Nerik Bonnici, li wara sar l-ewwel Assistent Ekkleżjastiku tas-Soċjetà, biex jara x'seta' jsir.

Mons. Nerik Bonnici kien ġa wera interess fis-Soċjetà, kif jidher mill-mistoqsijiet li kien jagħmel lil Ġużeppi Schembri, li wara sar l-ewwel Segretarju Ġenerali imma li dak iż-żmien kien għadu Servjent Ġenerali tal-Katekiżmu Dommatiku, u miż-żjarat spontanji li beda jagħmel fil-Qasam tal-Belt, li kien għadu fi Triq San Pawl, fejn ġieli għamel xi eżortazzjoni fl-assenjatur.[5] Dan il-Monsinjur għandu mertu kbir għall-bidla għall-aħjar fl-attitudni ta' l-Arċisqof lejn is-Soċjetà, kif kien igħid il-Fundatur innifsu[6]. L-Arċisqof kien iqimu ħafna lil dan il-Monsinjur u l-kelma tiegħu kien jagħtiha piż.

Mons. Bonnici aċċetta li jgħin; għalhekk, f'isem is-Soċjetà, ressaq rikors quddiem l-Arċisqof, biex dan jawtorizza l-bidu tal-proċeduri għall-akkwist tal-lokal meħtieġ. Bi tweġiba għal dan ir-rikors, saret laqgħa mal-Vigarju Ġenerali Mons. Paolo Galea, li wera li ma kienx kontra li l-proġett iseħħ, imma ssuġġerixxa li jkun aħjar jekk il-Fundatur innifsu jagħmel rikors ieħor biex is-Soċjetà titwaqqaf kanonikament. Ma' dan ir-rikors il-Fundatur kellu jissottometti l-istatut tar-Regola, għall-approvazzjoni. Dun Ġorġ malajr hejja 18-il regolament fundamentali li kien

iqis l-aktar importanti u li bbaża fuq il-kostituzzjonijiet proviżorji li s-Soċjetà diġà kellha. Dawn ir-regolament, flimkien mar-rikors, ippreżentahom fil-Kurja nhar it-22 ta' Diċembru, 1931.[7] Kienu dawn ir-regolamenti li ġew approvati fid-digriet li qegħdin infakkru.

**Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-erezzjoni kanonika**

Kien xieraq li okkażjoni bħal din ma tibqax bla ma tkun iċċelebrata. Għalhekk, nhar il-Ħadd, 1 ta' Mejju, 1932, is-Soċjetà nġemgħet fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt. Kulħadd kien hemm: Is-soċi, irġiel u nisa, u t-tfal, mill-Magħżulin 'il fuq. Dun Ġorġ kien preżenti wkoll, għalkemm daħal baxx baxx u mar intasab bilqiegħda f'rokna fuq ix-xellug tal-presbiterju, bla pretensjonijiet ta' xejn, hekk li qassis li kien hemm ukoll, instema' jgħid: *"Mur ġib 'il ħaddieħor flok Dun Ġorġ, x'żaqq minfuħa kien jidħol biha!"*

Ċapċip kbir u entużjażmu liema bħalu laqa' lill-Arċisqof mal-wasla tiegħu; u bir-raġun: kienet l-ewwel darba li r-Ragħaj tad-djoċesi onora attività tas-Soċjetà bil-preżenza tiegħu. Il-programm kien jikkonsisti f'quddiesa ta' radd il-ħajr iċċelebrata mill-Arċisqof, assistit minn żewġ monsinjuri, li fiha qarben lil dawk preżenti. Wara l-quddiesa, l-Arċisqof, minn fuq is-sedja, niseġ diskors li fih aċċenna għall-għajnuna li f'ħidmietu kien isib fis-Soċjetà: *"Intom idi l-lemenija,"* qal lill-membri: riferenza ċara, speċjalment, għall-kontribut li s-Soċjetà kienet tagħti lill-Knisja fil-kwestjoni politiko-reliġjuża, li dak iż-żmien kienet fl-aqwa tagħha. Dwar ir-Regola Museumina, li kien għadu kemm approva, l-Arċisqof qal li l-ħarsien tagħha kien mezz kbir biex il-membri jitqaddsu u jsalvaw irwieħhom. Fi tmiem id-diskors tiegħu, l-Arċisqof bierek lis-Soċjetà u wara, kif kien xieraq, intona t-'Te Deum'. L-ewwel ħajr kien jistħoqq lil Alla, li fil-Providenza tiegħu u fiż-żmien imwaqqat, refa' s-Soċjetà mill-ħajja moħbija u ż-żmien ta' prova li kienet ilha fih sa mit-twaqqif tagħha.

Fi tmiem il-programm, il-Primarju ta' dak iż-żmien, Spiru Spiteri, qara indirizz ta' mħabba u sottomissjoni, li fih wera l-ferħ u l-gratitudni tas-Soċjetà għall-għarfien li ngħatat. Bħala kumpliment, ippreżenta lill-Arċisqof, f'isem is-Soċjetà, għotja żgħira ta' flus biex igħaddihom lill-foqra, li s-Soċjetà kienet taf kienu tant f'qalbu.

Wara l-funzjoni fil-knisja, l-Arċisqof kien mistieden għat-te fil-Qasam tal-Belt, li issa kien jinsab fi Triq Sant'Ursla. Tul it-triq kollha, mill-Knisja sal-Qasam, is-Soċjetà skjerat ruħha, Soċi u tfal bil-bnadar sofor u bojod f'idejhom, ixejru u jċapċpu lill-Arċisqof. Wara ir-riċeviment, l-Arċisqof xiref fiż-żewġ gallerijiet tal-Qasam ibierek u jsellem lill-folla, li kienet għadha miġmugħa quddiem il-bieb. L-ewwel Superjur Ġenerali, Ewġenju Borg, kien jirrakonta, li wara l-funzjoni Dun Ġorġ dar fuqu u, b'wiċċ ta' hena, qallu: *"Qatt kont tobsor, Ġeġè, Alla x'kellu merfugħ għas-Soċjetà!"*

**Il-ġrajja mfakkra**

Fid-diskors imsemmi iktar 'il fuq, l-Arċisqof, fost l-oħrajn, kien qal: *"Dan il-jum ma għandu qatt jintesa mis-Soċjetà tagħkom, preżenti u futura, għax minn issa s-Soċjetà tingħaraf bħala Bint rikonoxxuta minn Ommna l-Knisja Mqaddsa."*[8] Kemm l-Arċisqof kien jifhem dak li kien igħid, jidher mill-fatt li, għallinqas għal sentejn wara xulxin, aċċetta li jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet ta' tifkira ta' din il-ġrajja storika: fl-1933, fil-kattidral tal-Imdina meta, wara ċ-ċelebrazzjoni, laqa' lill-Fundatur għal ħin twil f'udjenza privata fil-Palazz ta' l-Imdina u, fl-1934, fil-Knisja tal-Ġiżwiti, l-Belt.

### Storja tar-Regola

Ir-Regola approvata fit-12 ta' April, 1932 ma saritx f'jum wieħed. Sa mit-twaqqif tas-Soċjetà fl-1907, Dun Ġorġ kien ilu jfassal, jorqom, iżid, ineħħi u jimmodifika regolamenti skond il-ħtieġa. X'aktarx li l-ewwel regolamenti Dun Ġorġ għamilhom biex jagħżel. Fl-ewwel djar li fetaħ kien imur kullħadd. Kien hawn għatx kbir għat-tagħlim, u meta l-kelma ġriet dwar it-tagħlim bnin u interessanti li Dun Ġorġ kien jagħti, in-nies kienet dejjem tiżdied. Imma Dun Ġorġ ma riedx nies li jirċievu biss b'mod passiv, bla ma jagħtu. Ried nies iddedikati u bla rbit ta' familja, li seta' jafda fuqhom biex dak li jitgħallmu huma, jgħadduh 'il-oħrajn. Għalhekk darba, wara l-lezzjoni, ħasad lil kulħadd. *"Ma rridx aktar miżżewġin u romol: ġuvintur biss,"* qal. Ħafna ipprotestaw, għax ma xtaqux jinqatgħu mit-tagħlim bnin li kienu daqu, imma Dun Ġorġ kien deċiż.

Regolamenti oħra tal-bidu kienu dawk tax-xagħar u ta' l-ingravata. Minbarra li jħarreġ 'il-membri fiċ-ċaħda personali, l-għan ta' Dun Ġorġ kien li jipprova lis-Soċi fir-rieda tagħhom li jibqgħu miegħu. Fil-fatt, kienu ħafna li telquh, imma dawk li baqgħu kienu nies li rebħu 'lilhom infushom: kienu nies li seta' jafda fuqhom għall-ħidma impenjattiva li kien jistenna minnhom. Sikwit kien igħid: *"Mhux il-kwantità, iżda l-kwalità."*

Imma, primarjament, Dun Ġorġ fir-regolamenti tiegħu kien ifittex li jħarreġ lis-soċi fil-ħajja spiritwali. Dan jidher espressament mill-ewwel paragafu tar-Regola li, sa minn edizzjonijiet bikrin tagħha, igħid: *"Il-għan ewlieni tas-Soċjetà, hu l-qdusija tal-membri."* Mingħajr dubju, l-ispirazzjoni kien isibha fis-sigħat twal ta' talb li kien igħaddi mal-jum, speċjalment qabel, waqt, u wara l-quddiesa.

Fl-inkjesta tal-Knisja dwar is-Soċjetà (1916-1917), Dun Ġorġ kien mitlub iressaq ir-regolamenti ewlenin tas-Soċjetà quddiem il-Kummissjoni. Fuq pitazz miktub b'idejh stess, Dun Ġorġ niżżel 227 artiklu li jitkellmu dwar il-għan, il-metodi, l-ispiritwalità u t-tmexxija tas-Soċjetà. Dawn huma mniżżlin mingħajr ebda ordni loġiku. Jidher li tniżżlu kif ġew f'moħħ Dun Ġorġ waqt li kitibhom. Iktar tard, fuq dawn l-artikli, Dun Ġorġ fassal, żewġ Kostituzzjonijiet voluminużi, miktubin ukoll b'idejh, imma b'ordni aktar loġiku. L-istil tagħhom hu taħt sura ta' mistoqsija u tweġiba, biex jinftiehmu aħjar mis-Soċi. Sustanzjalment dawn iż-żewġ Kostituzzjonijiet huma kważi xorta; għalkemm it-tieni waħda hi aktar spjegata u tiċċara 'l ta' qabilha.

### Reviżjoni tar-Regola

Kif ingħad iktar 'il fuq, ir-Regola approvata fl-1932 ma kienx fiha għajr 18-il regolament fundamentali. Madankollu l-għadd ta' regolamenti fis-Soċjetà kien wisq ikbar, kif jidher mill-Kostituzzjonijiet li semmejna. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li l-approvazzjoni tkun estiża għar-Regola kollha. Għal dan il-għan il-Korp Bon Ordni beda jistudja, flimkien ma' Mons. E. Bonnici, ir-reviżjoni tar-Regola. Billi dan l-istudju deher jieħu fit-tul, il-Korp inkariga lis-Segretarju Ġenerali biex, flimkien ma' Mons. Luiġi Catania, ikompli x-xogħol hu. Ma kienx qabel is-sena 1939, li x-xogħol tlesta.

Lill-Fundatur ir-reviżjoni għoġbitu, u meta raha lesta, qal: *"Din, jekk tmissha, tħassarha!"*[9] Imma sadattant, l-Arċisqof marad, tant li ħafna mix-xogħol tiegħu kien jagħmlu l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi. Barra minn dan, id-dinja kienet f'xifer ta' gwerra, u ma kenux żminijiet sbieħ. Madankollu, Dun Ġorġ ressaq ir-Regola riveduta, għall-approvazzjoni. Kellu biċċa xogħol iebsa biex ifisser lill-awtoritajiet xi

punti li dwarhom inqalgħu diffikultajiet, fosthom a) l-isem M.U.S.E.U.M., li bih is-Soċjetà kienet magħrufa, b) il-Parrinija [= direzzjoni spiritwali mill-membri], u ċ) li s-Superjuri jibqgħu fil-kariga għal għomorhom. Iżda x-xewqat ta' Dun Ġorġ bħala fundatur, ingħataw piż kbir mill-awtoritajiet, hekk li r-Regola, fis-sustanza tagħha, ġiet appovata kollha. Xi tibdil żgħir kien hemm, kif jidher mid-digriet tat-23 ta. Diċembru, 1939, li approva r-Regola riveduta *"b'korrezzjonijiet u żidiet."* Meta Dun Ġorġ sar jaf minn qabel, mis-Segretarju Ġenerali Ġużeppi Schembri, bl-approvazzjoni, kien pront staqsieh jekk il-punti li dwarhom kien hemm diffikultà, ġewx approvati wkoll, u meta s-Segretarju wieġbu fl-affermattiv, feraħ ħafna u bierek 'l Alla.[10]

Wara din l-approvazzjoni Dun Ġorġ żied xi dettalji dwar l-ilbies tan-nisa. Dawn iż-żidiet ġew ukoll approvati b'digriet ieħor tat-2 ta' Awissu, 1941. Ir-Regola kollha kif approvata, ġiet stampata f'edizzjoni limitata mis-Soċi Interni ta' Ħaż-Żebbuġ u tqassmet lill-Membri tal-K.B.O., Servjenti Ġenerali u Superjuri lokali, f'ċerimonja apposta, ippresjeduta mill-Isqof Em. Galea, li kien għadu kemm kien konsagrat isqof, fil-kappella ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, fl-eqqel tal-gwerra, nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru 1942.

1. Arkivju Episkopali, Floriana: *Suppliche*, 1932, II, n. 133, f. 1r.
2. *Dun Ġorġ, 1880-1962*, Blata l-Bajda: M.U.S.E.U.M., 1965, p. 22.
3. Vinc. Caruana: *Osservazzjonijiet*, Nru. 2
4. Mill-*Atti Ġenerali*, 1932, tas-Socjetà tad-Duttrina Nisranija, taħt id-data, 13 ta' April, 1932.
5. Caruana: idem. Nru. 3.
6. Kif ikkwotat f'*Dun Ġorġ, 1880-1962*, loc. cit.
7. *Atti Ġenerali*, loc. cit.
8. Ibid., taħt id-data l-1 ta' Mejju, 1932.
9. Caruana: idem. p. 4.
10. Ġ. Schembri: "X'nista' ngħid fuq Dun Ġorġ", *Dun Ġorġ*, nru. 8, p. 18.